The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 3rd August, 2007, for:-

Advt. No. FTS 80-07. Alterations and refurbishment works at Żebbuġ Gozo Primary School.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, id-9 ta' Awissu, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 81-07. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' *passenger lift* wieħed fl-Iskola Primarja "B" Birżebbuġa.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Awissu, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 79-07. Provvista u twaħħil ta' aperturi ta' l-aluminju fl-Iskola Primarja Dun Ġorġ Preca "B", il-Ħamrun.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. FTS 82-07. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' *passenger lift* wieħed fl-Iskola Primarja Santa Klara "A" Ħaż-Żabbar.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Wieħed jista' jara ukoll id-dokumenti ta' l-offerta fuq il-website tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada: www.fts.com.mt

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, Fax Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-notice-board (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti lment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-20 ta' Lulju, 2007

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 9th August, 2007, for:-

Advt. No. FTS 81-07. Supply, installation and commissioning of one passenger lift at Primary School "B", Birzebbugia.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 10th August, 2007, for:-

Advt. No. FTS 79-07. Supply and fixing of aluminium apertures at Dun Ġorġ Preca Primary School "B", Ħamrun.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Advt. No. FTS 82-07. Supply, installation and commissioning of one passenger lift at Santa Klara Primary School "A", Żabbar.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Tender documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website: www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

20th July, 2007

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' Awissu, 2007, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. FTS Q 08-07. Provvista ta' pajpijiet tad-drenaġġ *U-PVC* u aċċessorji għal diversi skejjel f'Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm2 (€4.66) ma' kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Wieħed jista' jara d-dokumenti tal-kwotazzjoni biss fuq il-*website* tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada: www.fts.com.mt.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa tal-kwotazzjoni fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf lill-pubbliku ġenerali jista' jattendi matul il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet fil-ħin u d-data speċifikata hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-20 ta' Lulju, 2007

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. of Friday, 3rd August, 2007, for:-

Quot. No. FTS Q 08-07. Supply of U-PVC drain pipes and fittings for various schools in Malta.

A payment of Lm2 (€4.66) is to be effected on collection of the quotation document.

Quotation documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website: www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and 12.30 p.m.

Quotations must be deposited in the quotation box at the Foundation's offices.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of quotations at the time and date specified above.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

20th July, 2007

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf illi jilqa' offerti sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Awissu, 2007, għal:-

Provvista ta' kimiċi biex jintużaw fit-trattament ta' l-ilma tal-pixxina fil-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Finanzi tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Bormla, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m.

Għandu jsir ħlas ta' Lm35 (€81.53) meta jinġabru d-dokumenti.

L-20 ta' Lulju, 2007

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives offers up to noon on Friday, 17th August, 2007, for:-

Supply of chemicals for use in the treatment of swimming pool water at the National Pool Complex.

Tender documents and conditions can be collected from the Finance office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cospicua, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

A fee of Lm35 (€81.53) has to be paid upon collection of documents.

20th July, 2007

KUNSILL LOKALI IKLIN

Il-Kunsill Lokali Iklin jgħarraf illi:-

San-12.30 p.m. ta' nhar it-Tnejn, l-20 ta' Awissu 2007, fl-Uffiċċju tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 4/07. Manutenzjoni u kostruzzjoni ta' bankini.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali fuq ħlas ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument minn nhar it-Tnejn, it-23 ta' Lulju 2007 waqt il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m.

Id-dokumenti jistgħu wkoll jiġu eżaminati mingħajr ħlas.

L-offerti jinfetħu fl-4.30 p.m. tad-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-20 ta' Lulju, 2007

IKLIN LOCAL COUNCIL

The Iklin Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Office by not later than 12.30 p.m. of Monday, 20th August 2007, for:-

Advt. No. 4/07. Maintenance and construction of pavements.

Tender documents can be collected from the Local Council's Office against a payment of Lm25 (€58.23) for each tender document as from Monday, 23rd July 2007, during normal office hours from 8.30 a.m. to 12.30 p.m.

Tender documents may also be viewed at the Council's offices free of charge.

Tenders will be opened at 4.30 p.m. on the closing date.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous one.

20th July, 2007

KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI

Il-Kunsill Lokali Siġġiewi jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-30 ta' Lulju 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. LCS40/07. Servizz ta' Perit fuq bażi ta' kuntratt.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 (€34.94) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. LCS39/07. Tindif u żgumbrar ta' nħawi asfaltati urbani u mhux urbani.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. LCS36/07. Provvista ta' għamara tat-toroq.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. LCS37/07. Kisi mill-ġdid ta' toroq.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. LCS38/07. Manutenzjoni u kostruzzjoni ta' bankini bl-użu tal-konkrit.

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

The Siġġiewi Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the Council's tender box up to noon of Monday, 30th July 2007, for:-

Advt. No. LCS40/07. Service of an Architect on contractual basis.
A fee of Lm15 (€34.94) is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. LCS39/07. Cleaning and clearing of surfaced urban and non urban areas.
A fee of Lm20 (€46.59) is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. LCS36/07. Supply of street furniture.
A fee of Lm20 (€46.59) is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. LCS37/07. Re-surfacing of roads.
A fee of Lm20 (€46.59) is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. LCS38/07. Maintenance and construction of pavements using the concrete method.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. LCS43/07. Provvista ta' materjal għall-kostruzzjoni ta' bankini.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. LCS48/07. Manutenzjoni u kostruzzjoni ta' bankini mogħdijiet billi jintużaw metodi differenti.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża. Offerti kkonsenjati wara l-ħin stipulat ma jiġux ikkunsidrati.

L-20 ta' Lulju, 2007

A fee of Lm20 (€46.59) is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. LCS43/07. Supply of material for the construction of pavements.
A fee of Lm20 (€46.59) is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. LCS48/07. Maintenance and construction of pavements and alleys using different methods.
A fee of Lm20 (€46.59) is to be paid for each copy of tender document.

Tender documents may be collected from the Council's office from Monday to Friday between 8.30 a.m. and noon.

Tenders will be opened in public on the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous tender. Late tenders will not be accepted.

20th July, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1010

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-kawża Ċitazzjoni Numru 487/07 FS, fl-ismijiet Grech Alfred et vs Cutajar Francis, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Alfred u Carmen konjugi Grech vs Francis Cutajar, fit-30 ta' April 2007, Alfred u Carmen konjugi Grech, esponew bir-rispett:

Illi l-fond bl-isem ta' 'Stella Maris' fi Triq il-Knisja il-Qadima, fis-Siġġiewi, huwa l-fond ta' residenza u dar taż-żwieġ ta' Giovanna Callus li fil-mument tinsab rikoverata St. Vincent de Paule.

……Omissis……

Illi l-intimat Francis Cutajar, kif minnu kkonfermat fl-atti tal-Mandat fl-istess ismijiet ta' dan ir-Rikors Numru 480/2007, intrabat b' konvenju ma' ħut l-attriċi biex jixtri sehemhom.

Illi l-intimat ikkomunika ma' l-atturi bil-għan li jixtri minn għandhom il-5/8 li jappartjenu lilhom u f'mument minnhom hedded lill-atturi li kien se jwaqqa' l-fond 'Stella Maris' indikat.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given in the cause Writ of Summons Number 487/07 FS, in the names Grech Alfred et vs Cutajar Francis, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Alfred and Carmen spouses Grech vs Francis Cutajar, on the 30th April 2007, Alfred and Carmen spouses Grech pleaded with respect:

That the premises with the name 'Stella Maris' in Old Church Street, in Siġġiewi, is the residence and matrimonial home of Giovanna Callus, who at the moment is undercare at St. Vincent de Paule.

……Omissis……

That the respondent Francis Cutajar, as confirmed by him in the records of the Warrant in the same names of this Application No. 480/2007, bound himself by a preliminary agreement, with the brother and sisters of the plaintiff to purchase their share.

That the respondent communicated with the plaintiffs with the purpose to purchase from them the 5/8 which belong to them and at one time he threatened the plaintiffs that he was to demolish the premises ' Stella Maris' indicated.

Illi huma ġie miżmum milli jagħmel dan bil-Mandat 480/2007, minn din l-Onorabbli Qorti.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikundanna lill-intimat biex ma jaqbadx u jwaqqa' l-fond 'Stella Maria' mingħajr il-permess u l-kunsens ta' l-atturi ko-propjetarji tal-fond.

Intimat: 37, Triq Karmenu Vassallo, is-Siġġiewi.

Ir-Rikors Nru 487/07 FS, fl-ismijiet Alfred Grech et vs Francis Cutajar, jinsab appuntat għas-smigħ għad-9 ta' Ottubru 2007, fil-10.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

That he was held from doing this by Warrant 480/2007, by this Honourable Court.

Thus the applicants pray with respect that this Honourable Court, condemns the respondent, in order not to demolish the premises ' Stella Maris' without the permission and consent of the plaintiffs, co-owners of the premises.

Respondent: 37, Karmenu Vassallo Street, Siggiewi.

The Application No. 487/07 FS, in the names Alfred Grech et vs Francis Cutajar has been appointed for hearing on the 9th October 2007, at 10.45am.

Registry of the Superior Courts, today 16th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1011

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Marzu 2007, fl-atti tar-Rikors maħluf fl-ismijiet Barbara AIC Joseph et vs Farrugia Carmen et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla fil-Qorti Ċivili, fl-ismijiet AIC Joseph Barbara (I.D. 502713M), Josephine (I.D. Numru 179376M) mart Raymond Azzopardi (ID 557656M) proprio kif ukoll bħala prokuratur ta' l-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia (ID Nru 198063M) mart David Anastasi, u Greta (I.D. Nru 331365M) mart Anthony Bartolo Parnis v. Carmen sive Mary Carmen Farrugia u Marcia De Bono għal kwalunkwe interess li jista' jkollha, fil-11 ta' Jannar 2007; ir-rikorrenti talbu l-intimati jgħidu prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m'għandhiex din il-Qorti tiddeċiedi skond it-talba attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skond l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u

1) Tordna lill-intimati jiżġombraw lill-appartament numru 19 , Block B, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Ġiljan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ukoll prefiss minn din l-Onorabbli Qorti skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Notifika: 1. Carmen Farrugia
19, Block B, St. Julian's Court,
Triq is-Sur Fons,
San Ġiljan.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 28th March 2007, in the records of the Sworn Application in the names Barbara AIC Joseph et vs Farrugia Carmen et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names AIC Joseph Barbara (I.D. 502713M),Josephine (I.D. Number 179376M) wife of Raymond Azzopardi (ID 557656M) proprio as well as mandatary of the absent Anna Maria wife of Salvatore Saddemi, Patricia (ID Number 198063M) wife of David Anastasi, and Greta (ID number 331365M) wife of Anthony Bartolo Parnis v. Carmen sive Mary Carmen Farrugia and Marica De Bono for any interest she may have, on the 11th January 2007, the applicants asked the respondents to state why this Court should not decide according to the plaintiff's demand, without proceeding to a hearing of the cause according to Article 167 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) and

1) Order the respondents to vacate apartment number 19, Block B, St. Julian's Court, Sur Fons Street, St. Julian's within a short and peremptory period that shall also be fixed by this Honourable Court according to Law.

With costs, against the respondents from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Notify: 1. Carmen Farrugia
19, Block B, St. Julian's Court,
Sur Fons Street,
St. Julian's.

Ir-Rikors 27/2007 GV, fl-ismijiet Barbara AIC Joseph et vs Farrugia Carmen et, jinsab differit għas-smigħ għall-10 ta' Ottubru 2007, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Application 27/2007 GV, in the names Barbara AIC Joseph et vs Farrugia Carmen et, has been put off for hearing to the 10th October 2007, at 9.16 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1012

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' April 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334)

Vs

Maria Dolores El Maharran (ID 252867M)

Is-soċjetà kummerċjali Maltacom p.l.c. (C22334) ippreżentat rikors fis-7 ta' Novembru 2005 fejn talbet illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Avv. Nru. 1252/99DM) li ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 2000, l-konvenuta ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u tnejn u ħamsin lira Maltija u tnejn u għoxrin ċenteżmu Lm552.22 (€1,286.33), bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Illi ma' l-imsemmija somma jridu jiżdiedu s-somma ta' tliet mija u tnejn u erbgħin lira Maltija u sebgħa u tletin ċenteżmu Lm342.37 (€797.51) imgħax legali kalkolat bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-29 ta' Diċembru 1997 sad-29 ta' Settembru 2005, oltre mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija u wieħed u sittin ċenteżmu Lm127.61 (€297.25) spejjeż u drittijiet professjonali skond taxxa annessa markata Dokument A. Għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' elf u tnejn u għoxrin lira Maltija u għoxrin ċenteżmu Lm1,022.20 (€2,381.09). Minn dawn ma tħallas xejn u għalhekk baqa' bilanċ ta' elf u tnejn u għoxrin lira Maltija u għoxrin ċenteżmu Lm1,022.20 (€2,381.09) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 11th April 2006, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334)

Vs

Maria Dolores El Maharran (ID252867M)

The commercial company Maltacom p.l.c (C22334) presented an application on the 7th November 2005 whereby it asked that the claim in the names above mentioned (Not. No. 1252/99DM) decided by the said Court on the 28th January 2000, the defendant was ordered to pay Maltacom plc the sum of five hundred and fifty two Maltese liri and twenty two cents Lm552.22 (€1,286.33), with interest and costs.

Together with the said sum the amount of three hundred and forty two Maltese liri and thirty seven cents Lm342.37 (€797.51) legal interest calculated at eight percent (8%) per year from the 29th December 1997 till 29th September 2005, besides one hundred twenty seven Maltese liri and sixty one cents Lm 127.61 (€297.25) expenses and professional fees as indicated in the annexed bill of cost marked Document A. Thus the amount due is one thousand and twenty two Maltese liri and twenty cents Lm1,022.20 (€2,381.09). The amount is still due thus the balance remained one thousand and twenty two Maltese liri and twenty cents Lm1,022.20 (€2,381.09) saving any further interest till the date of effective payment.

From the date of the sentence more than five (5) years have passed and the applicant has an interest to proceed by means of the opportune warrants togather the amount due to it.

Thus the applicant, whilst reference is made to article 258 et sequitur of the of the Code of Civil Procedure and Orginasation (Cap. 12) of the Laws of Malta, prays with respect to this Honorable Court that they be authorized to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above mentioned.

Rikorrenti: Spencer Hill, il-Marsa
Intimati: Maria Dolores El Maharran, Flat 23, Blokk 6, Bieb Ċ, Triq in-Naspli, San Ġwann.

Fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta

Maġistrat: Dr Dennis Montebello

Maltacom plc

Vs

Maria Dolores El Maharran

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;
Tordna notifika lid-debitur fi żmien erbat (4) ijiem għal kull oppożizzjoni.

Illum, 9 ta' Novembru 2005.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Lulju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Plaintiff: Spencer Hill, Marsa.
Defendant: Maria Dolores El Maharran, Flat 23, Block 6, Bieb C, Triq in-Naspli, San Ġwann.

In the Court of Magistrates Malta

Magistrate Dr Dennis Montebello

Maltacom plc

Vs

Maria Dolores El Maharran

The Court,

Saw the application,
Orders that the debtor be notified and has to file a reply within four days.

Today, 9th November 2005.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 16th July 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

1013

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Lulju 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 928/89 GV fl-ismijiet Joseph Ripard et vs Onorevoli Prim Imħallef Carmelo Schembri et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Teresa Azzopardi, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Ċitazz. Nru 928/89 GV, Joseph Ripard, il-Maġġur Peter Paul Ripard, Estelle xebba, Maria Lucia mart Marco Coppini, ilkoll aħwa Ripard, Nicholas f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' ħuh l-assenti Edward; Timothy, Christopher f'ismu proprio u bħala mandatarju ta' ħuh l-assenti Michael u Paul ilkoll aħwa Ripard vs Onorevoli Prim Imħallef Carmelo Schembri u martu Helen Schembri; Tabib Joseph Zammit Lupi u martu Maria Concetta sive Connie Zammit Lupi; John Azzopardi Vella u martu Maria Stella sive Estelle Azzopardi Vella; Anthony u Noel aħwa Holland u Teresa Azzopardi u b' digriet tas-16 ta' Diċembru 1993, il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawża ta' Anthony M. Damato u Joseph M. Damato bħala Diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Damato Bros Limited u b' digriet tad-19 ta' Ottubru 1999 ġew trasfużi l-atti fl-ismijiet ta' John, Robert, David, Joseph, Mario, Michael, Rosanna mart Herbert Scerri, Lucia mart Stephen Dimech, Connie mart Stephen Grech, Christine mart Robert Pace u Angela mart

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 12th July 2007, in the records of the Writ of Summons Number 928/89 GV, in the names Joseph Ripard et vs Honourable Chief Justice Carmelo Schembri et, ordered the following publication for the purpose of service of Teresa Azzopardi, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Whereas the procedures in writing in the case before the Court of appeal in the cause Writ of Summons No. 928/89 GV, Joseph Ripard, Major Peter Paul Ripard, Estelle unmarried, Maria Lucia wife of Marco Coppini all brothers and sisters Ripard, Nicholas in his own name and as mandatary of his brother the absent Edward; Timothy, Christopher in his own name and as mandatary of his brother the absent Michael and Paul all brothers Ripard vs Honourable Chief Justice Carmelo Schembri and his wife Helen Schembri; Doctor of Medicine Joseph Zammit Lupi and Maria Concetta sive Connie Zamit Lupi; John Azzopardi Vella and his wife Maria Stella sive Estelle Azzopardi Vella; Anthony and Noel brothers Holland and Teresa Azzopardi and by decree of the 16th December 1993, the Court ordered that there be called in the cause Anthony M. Damato and Joseph M. Damato as Directors, in the name and in representation of the company Damato Bros Limited and by decree of the 19th October 1999 the records were transfered in the names of John, Robert, David, Joseph, Mario, Michael, Rosanna wife of Herbert Scerri, Lucia wife

David Cassar Borg ilkoll aħwa Schembri, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' dina l-kawża għal nhar it-Tlieta, ħamsa (5) ta' Ġunju 2007, fil-11.30 a.m.

B'ordni tal-Qorti hawn fuq imsemmija tas-26 ta' Ġunju 2007, il-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għat-2 ta' Ottubru 2007, fl-10.30 a.m., għat-trattazzjoni.

Notifika: Teresa Azzopardi: Flat 3, Rose Flats Triq Tignè, Tas-Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 18 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of Stephen Dimech, Connie wife of Stephen Grech, Christine wife of Robert Pace and Angela wife of David Cassar Borg, all brothers and sisters Schembri, the Court fixed the hearing of this case on Tuesday , fifth (5) of June 2007, at 11.30 a.m.

By order of the Court above mentioned of the 26th June 2007, the cause above mentioned was put off to the 2nd October 2007, at 10.30 a.m., for pleadings.

Notify: Teresa Azzopardi, Flat 3, Rose Flats, Tignè Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 18th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1014

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) permezz ta' diġriet mogħti fil-11 ta' Lulju 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 12/06 (PS) fl-ismijiet Emma Anderson vs Direttur tas-Sigurta Soċjali, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell Deċizjoni ta' l-Arbitru 589/05 Emma Anderson vs Direttur tas-Sigurta Soċjali, fis-17 ta' Lulju 2006, ir-rikorrenti Direttur tas-Sigurta Soċjali espona bir-rispett:

Illi l-esponent fid-deċiżjoni tiegħu datata 22 ta' Ottubru 2005, informa lill-appellata li hi m'għadiex aktar intitolata għall-Għajnuna Soċjali għaliex id-Direttur ma kienx sodisfatt illi hija kienet tifforma familja għal rasha u/jew li hi kienet il-kap tal-familja u dan wara li saret spezzjoni mill-ispetturi tad-Dipartiment tal-Frodi ta' Benefiċċju u Investigazzjoni fid-dar ta' l-appellata u nstab ċertu Paul Zammit, li hu l-missier ta' l-iżgħar minuri ta' l-intimata, rieqed fil-kamra tas-sodda tagħha u nstabu wkoll ħwejjeg tiegħu fil-fond imsemmi.

Illi fid-deċiżjoni tagħha datata 15 ta' Ġunju 2006, l-Arbitru laqa' l-Appell ta' l-appellata u l-esponent ħass ruħu aggravat b' din id-deċiżjoni u minnha qed jinterponi umli appell.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi jirriżulta mid-deċiżjoni appellata li l-Arbitru bbaża ruħu fuq il-fatt li Paul Zammit mhux qed imantni l-erba' ulied l-oħra ta' l-appellata u dana huwa kompletament estranju għat-tifsira ta' 'familja' jew 'kap ta' familja' ai termini tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

It is hereby notified that the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) by means of a decree given on the 11th July 2007, in the records of the Application Number 12/06 (PS) in the names Emma Anderson vs Director of Social Security ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Arbitrator's Decision 589/05, Emma Anderson vs Director of Social Security, on the 17th July 2006, the applicant Director of Social Security pleaded with respect;

That the applicant in his decision dated 22nd October 2005, informed the respondent that she is no longer entitled to Social Assistance because the Director was not satisfied that she formed a family on her own and / or that she was the head of a family and this after an inspection was made by the Fraud Department for Benefit and Investigation in the house of the respondent and a certain Paul Zammit was found, who is the father of the smallest minor of the respondent, sleeping in her bedroom and his clothes were also found in the premises mentioned.

That in its decision of the 15th June 2006, the Arbitrator upheld the Appeal of the respondent and the applicant felt aggrieved by this decision and is humbly filing an appeal therefrom.

That the grievance is clear and manifest and consists in the following;

1. That it resulted from the decision appealed that the Arbitrator based himself on the fact that Paul Zammit is not providing maintenance for the other four children of the respondent and this is completely extreanous to the meaning of 'family' or ' head of a family' in terms of Cap. 318 of the Laws of Malta.

Illi għalhekk id-deċiżjoni ta' l-Arbitru, għalkemm qablet mad-deċiżjoni tad-Direttur li l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-intimata dwar il-preżenza ta' Paul Zammit fir-residenza tagħha mhix kredibbli, ġiet ibbażata fuq presunzjoni żbaljata li peress illi m'għandux l-obbligu li jmantni t-tfal minuri li m'humiex tiegħu allura ma jistax jitqies bħala kap ta' familja jew li jifforma parti minn din il-familja.

Għaldaqstant, l-esponent, filwaqt li jagħmel riferenza għall-atti tal-każ u jirriżerva li jressaq dawk il-provi lilu permessi mil-liġi, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni arbitrali; bl-ispejjeż kontra l-appellat.

Notifika: Emma Anderson, Flat 10, Sylvia Flats, Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Inferjuri) (Appelli Amministrativi) illum 18 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That thus the decision of the Arbitrator , although in agreement with the decision of the Director, that the version of facts given by the respondent regarding the presence of Paul Zammit in her residence is not credible, was based on the wrong presumption that because he does not have the obligation to maintain the minor children, which are not his thus he cannot be considered as the head of a family or that he forms part of this family.

Thus, the applicant whilst referring to the records of the cause and reserving to bring that proof permitted by law, prays with respect that this Honourable Court of Appeal cancels and revokes the arbitrator's decision, with costs against the respondent.

Notify: Emma Anderson- Flat 10, Sylvia Flats, Emmanuel Galizia Street, Ta' Xbiex.

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeals) (Administrative Appeals) today 18th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1015

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Novembru 2006, fl-atti tar-Rikors Numru 143/06 AF, fl-ismijiet Staines Mary Rose sive May et vs Scicluna Charles et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru 2006, ir-Rikors Numru 143/2006 AF, fl-ismijiet Staines Mary Rose sive May et vs Scicluna Charles et, ġie imqiegħed fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu nhar l-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2006, fid-9.00 a.m.

B'ordni ta' l-istess Qorti hawn fuq imsemmija is-smigħ tar-Rikors Numru 143/2006 AF, ġie differit għall-Ħamis, 11 ta' Jannar 2007, fid-9.00 a.m. u sussegwentement differit għas-27 ta' Marzu 2007, għas-6 ta' Ġunju 2007, u għall-10 ta' Ottubru 2007, fid-9.00 a.m., sabiex isiru l-pubblikazzjonijiet relativi.

Notifika: 1. Charles Scicluna, Flat 1, Aster Flats, Triq Sir Ġorġ Borg Sliema.

2. Mary Rose Scicluna, Flat 1, Aster Flats, Triq Sir Ġorġ Borg, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 22nd November 2006, in the records of the Application Number 143/06 AF, in the names Staines Mary Rose sive May et vs Scicluna Charles et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Friday, 13th October 2006, the Application Number 143/2006 AF, in the names Staines Mary Rose sive May et vs Scicluna Charles et, was put on the list of causes which are to be heard on Wednesday, 22nd of November 2006, at 9.00 a.m.

By order of the same Court above mentioned the hearing of the Application Number 143/2006 AF, was put off to Thursday, 11th January 2007, at 9.00 a.m. and subsequently put off to the 27th March 2007, to the 6th June 2007, and to the 10th October 2007, at 9.00 a.m., in order that the relatives publications be made.

Notify: 1. Charles Scicluna, Flat 1, Aster Flats, Sir Ġorġ Borg Street, Sliema.

2. Mary Rose Scicluna, Flat 1, Aster Flats, Sir Ġorġ Borg Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts, today 18th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1016

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Frar 2007, fl-atti tar-Rikors numru 1087/06 RCP fl-ismijiet Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd (C 176) vs Charles Bartolo (ID 823634M) u Raymond Schembri (ID 398063M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Raymond Schembri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz tar-rikors hawn fuq imsemmi s-soċjetà Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd (C 176) u Mark Aquilina (ID 175768M) għan-nom ta' l-istess soċjetà debitament awtorizzat, talbu l-intimati jgħidu għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1. Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-intimati huma debituri in solidum tas-soċjetà rikorrenti fis-somma komplessiva ta' ħmistax-il elf disa' mija u disgħin Lira ta' Malta Lm15,990.10 (€37,246.91).

3. Tiddikjara xolt il-kuntratt ta' lokazzjoni Dok. A;

4. Tikkundanna l-intimati in solidum sabiex iħallsu lis-soċjetà rikorrenti is-somma ta' ħmistax-il elf disa' mija u disgħin Lira ta' Malta Lm15,990.10 (€37,246.91) bl-imgħaxijiet legali kkalkolati mil-20 ta' Ġunju 2006, sal-ġurnata tal-pagament effettiv; u

5. Tordna l-iżgumbrament ta' l-intimati mill-fond 'Suez Canal Bar', Racecourse Street, Marsa fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Intimati: Palazzo Promontorio, Wardija.
41, Eliza, Triq San Ġorġ, Santa Venera.

Ir-Rikors Numru 1087/2006, fl-ismijiet Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd (C 176) vs Bartolo Charles et jinsab differit għal-10 ta' Ottubru 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 20th February 2007, in the records of the Application number 1087/06 RCP, in the names Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd (C 176) vs Charles Bartolo (ID 823634M) and Raymond Schembri (ID 398063M) ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Raymond Schembri, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of the application above mentioned the company Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd (C 176) and Mark Aqulina (ID 175768M) in the name of the same company duly authorized, asked the respondents to state why this Court should not;

1. Decide this cause without proceeding to a hearing in terms of Article 167 of Chapter 12 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondents are debtors in solidum of the applicant company in the global sum of fifteen thousand nine hundred and ninety Maltese Liri Lm15,990.10 (€37,246.91).

3. Declare dissolved the contract of lease Doc A;

4. Condemn the respondents in solidum to pay the applicant company the sum of fifteen thousand nine hundred and ninety Maltese Liri Lm15,990.10 (€37,246.91) with legal interest calculated from the 20th June 2006, till the date of effective payment; and

5. Order the eviction of the respondents from the premises 'Suez Canal Bar', Racecourse Street, Marsa, within a short and peremptory period.

With costs, against the respondents who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Respondents: Palazzo Promontorio ,Wardija.
41, Eliza, San Ġorġ Street, Santa Venera.

The Application Number 1087/2006 RCP in the names Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd (C 176) vs Bartolo Charles et, has been put off to the 10th October 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 19th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*